# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Numru 6**

**Citazzjoni numru 2597/00 LSO**

**John Sammut u Emanuel Farrugia fil-kwalita` taghhom ta' stralcjarji tas-socjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Limited**

**v.**

**Polidano Brothers Limited**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi *nomine* mis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-soċjeta` konvenuta appellata, u tilqa' talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi

kontra l-istess soċjeta` attriċi[1] (sic) appellata.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**I. PRELIMINARI.**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Dicembru 2000 pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

"Illi s-socjeta` attrici esegwit diversi xoghlijiet u forniet materjal fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta fuq diversi progetti fosthom fid-Dragonara Wedding Hall fil-lukanda Westin Dragonara Resort Hotel, f'San Giljan, f'ambjenti ohra fl-istess lukanda Westin Dragonara Resort Hotel, fil-lukanda Hilton f'San Giljan, fil-kumpless cinematografiku "Empire" f'Bugibba, San Pawl il-Bahar u f'fabbrika l-Imriehel, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Illi ghalkemm interpellata, anki permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 2000, biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-ammonti dovuti lis-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

"Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta, ghaliex ghar-ragunijiet premessi, ma ghandhiex din l-Qorti:

"1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli illi thallas lis-socjeta' attrici tad-diversi xoghlijiet esegwiti u materjal fornit minnha fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta fuq diversi progetti kif qabel spjegat.

"2. Tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta' attrici skont talba, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

"3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont likwidat skont it-tieni talba.

"Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 2000 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestalment kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Frar 2001.

[1] Evidentement dan huwa żball, għaliex l-"appellata" mhix is-soċjeta` attriċi iżda s-soċjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited datata 14 ta' Frar 2001 (fol 8) fejn esponiet : -

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi s-socjeta` eccipjenti ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Limited, izda hija effettivament is-socjeta` attrici li ghandha taghti lis-socjeta` eccipjenti u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"2. Illi l-premess ingab ampjament a konjizzjoni tal-istralcjarji tas-socjeta` attrici qabel giet prezentata din ic-citazzjoni u ghalhekk ukoll is-socjeta` eccipjenti ma ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri.

"3. Salv eccezzjonijiet ohra.

"Rat il-rapport tal-Perit Legali Dr. Simone Micallef Stafrace u l-Perit Komputista Lawrence Camilleri pprezentat fir- registru fis-7 ta' Frar 2008 a fol 173 tal-process.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2008 (fol 191) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-Avukati Dr. Franco P Vassallo u Dr. Joseph Camilleri ghall-attur. Il-kumpanija konvenuta u l-Avukat taghha msejhin tliet darbiet ma dehrux. L-Avukati prezenti f' isem l-attur iddikjaraw li huma joqghodu fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Periti Gudizzjarji fir-rapport imresaq minnhom fis-7 ta' Frar 2008. Huma talbu li l-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-9 ta' Ottubru 2008.

"Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited datata 19 ta' Settembru 2008 a fol 194 fejn talbet lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fil-proceduri *de quo* u tiffissa zewg seduti ghal produzzjoni tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta; u l-Qorti kif diversament presjeduta, rat it-twegiba mressqa mill-atturi *nomine* fl-20 ta' Ottubru 2008, rat l-atti tal-kawza imsemmija kemm fir-rikors u kif ukoll fit-twegiba, u tilqa' l-ewwel talba biex taghti lir-rikorrenti l-opportunita` li taghmel is-sottomissjonijiet li jidhrilha xierqa, u tichad it-tieni talba billi ma naghatatx raguni tajba ghaliex il-Qorti ghandha terga' tiftah l-istadju tal-provi ladarba tressaq ir-rapport.

"Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti John Sammut et noe datata 9 ta' Jannar 2009 a fol 220 a tal-process.

"Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2009 a fol 240 tal-process fejn permezz taghha qajmet l-eccezzjoni ulterjuri tal preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijet ta' Malta.

"Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju 2009 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn dik l-istess Qorti rrilevat li minkejja

d-digriet taghha tal-14 ta' Mejju, 2009 il-kumpannija konvenuta ma ressqitx in-nota ta' sottomissjonijiet taghha fi zmien lilha moghti f'dak id-digriet. Il-Qorti rrilevat wkoll li minflok l-imsemmija nota fil-15 ta' Gunju, 2009 il-kumpannija konvenuta ressqet nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn. B'referenza ghall-imsemmija eccezzjoni l-avukat Franco B. Vassallo irrileva li hija vessatorja u ghandha tigi michuda ghaliex m'hijiex kompattibli ma' l-argumenti tal-konvenuta is-somom mitluba fic-Citazzjoni li kienu dovuti imma ma kellhomx jithallsu ghaliex kellha ssir tpacija u dan kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti a fol 60 sa 62 u mid-deposizzjoni ta' Charles Polidano a fol 78 sa 85 kif rikonoxxut minn din il-Qorti diversement preseduta fil-Kawza Marianna Spiteri et vs Joseph Vella Deciza fit-3 ta' Mejju, 1993. L-avukat Franco Galea li deher aktar tard, ghas-socjeta Polidano Bros. Ltd, talab li jigu koncessi t-terminu biex jigu prezentati nota ta' sottomissjonijiet kemm dwar l-eccezzjoni originali u kemm dwar l-eccezzjoni ulterjuri. Il-Qorti laqghet it-talba u tat lill-istess kumpannija zmien sat-30 ta' Settembru, 2009 biex tressaq in-nota ta' sottomissjoni taghha bil-visto tal-kumpannija attrici, u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Novembru 2009.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited datata 2 ta' Novembru 2009 a fol 256 tal-process.

"Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn b' ordni ta' l-istess Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

"Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b' ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghat-12 ta' Dicembru ghall-istess skop tal-verbal precendenti.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## "II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

"Illi qabel xejn tirrileva li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta permezz ta'-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 .

"Permezz ta' din il-kawza, l-atturi fil-vesti taghhom ta' stralcjarji tas-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited qed jitolbu il-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tas-socjeta' konvenuta ghall-xoghlijiet esegwiti u materjal fornit mis-socjeta` in likwidazzjoni lis-socjeta' konvenuta f'diversi lantijiet tax-xoghol kif imsemmija fic-citazzjoni.

“Il-konvenuti laqghu ghal dawn it-talbiet billi sostnew li mhumiex debituri tas-socjeta' attrici izda hija s-socjeta' attrici li ghandha xi thallashom.

“**<u>Provi Prodotti</u>**

“Xehed **Raymond Micallef**[2] li kien *site manager* fuq diversi siti tax-xoghol tal-kumpanija *Carmelo Micallef Limited* senjatament :

“- Id-Dragonara Wedding Hall
“- Il-lukanda Dragonara
“- Ic-cinemas ta' Bugibba
“- Il-Fabbrika ta' Paul Tonna Son of Santu Limited
“- Fil-Lukanda Hilton

“Kien kejjel ix-xoghol tas-socjeta` attrici fil-prezenza tal-*quantity surveyors* tas-socjeta` konvenuta, Dennis Sant u/jew Joe Demicoli.

“Esebixxa rendikont ta’ dak li kkalkula kien dovut lis-socjeta` attrici (**DOK RM1)** riferibbilment ghal kull progett.

“Ix-xhud qal li :

“i) Ghad **Dragonara Wedding Hall** hemm dovut Lm18.992.78 (**DOK RM2- RM7**);

“ii) Ghal **Westin Dragonara Resort Hotel** hemm dovut Lm121,651.00 sa Marzu 1997. (*Final Certificate of Works* **DOK RM8 - RM12***).* Rigward dan il-progett ix-xhud qal li *"Skont id-dokument X1 sa X3 u partikolarment X2, Polidano Brothers Limited jammettu illi l-ammont dovut minnhom ghal dawn ix-xoghlijiet kien ta' Lm121,650.96";*

“iii) Ghas-**cinemas f'Bugibba** l-ammont dovut sal-1 ta' Lulju 1997 hu ta' Lm138,000 u sa Novembru 1997 hu ta' Lm35,700, li jaghmlu total ta' Lm173,700. Skont **DOK RM13** *Final Valuation No.3.* mahrug mis-socjeta' konvenuta, l-ammont dovut hu ta’ Lm154,095.65,9;

“iv) Rigward il-**Fabbrika Paul Tonna Son of Santu Limited**, l-ammont dovut huwa ta' Lm108,552.39 sa Lulju 1998 (**Dokti RM34-RM41**). Ix-xhud qal "*Fid-dokument X1 sa X3 u partikolarment X2, Polidano Brothers Limited jammettu illi l-ammont dovut minnhom ghal dawn ix-xoghlijiet sa Lulju 1998 kien ta' Lm108,552.60."* L-ammont dovut minn Gunju 1998 sa' Dicembru 1998 hu ta' Lm48,113.54 (X2) b'total ta' Lm156,666.93 (affidavit a fol. 18);

“v) Rigward il-Hilton Hotel qal li ma kienux gew miftehma rati ghal xoghlijiet fuq dan il-progett. L-ammont dovut hu ta' Lm42,453.40 (**DOK RM42-RM44).** Ix-xhud ha bhala bazi r-rata li kienu qablu fuqhom qabel ghall-proggett fid-Dragonara Hotel Resort u anke naqqashom. Saru

[2] Affidavit a fol. 13 et.seq.tal-process.

xoghlijiet wara April 1998 li hu stmahom fil-valur ta’ Lm24,000, u li b'kollox igibu total ta' Lm66,453.40.

“Skont dawn il-kalkoli, l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta huwa ta' Lm536,999.71.

“Skont il-kalkoli tax-xhud, is-socjeta` attrici kienet debitur favur Polidano Brothers Limited fl-ammont ta' Lm425,000 (**DOK RM1**), liema ammont qed jigi kkontestat bhala baxx mill-istess socjeta' konvenuta.

“Xehed **Charles Polidano**[3] u qal li kien ta x-xoghol lis-socjeta' attrici biex jipprova jigbor dak li kellu jiehu b'lura minghandhom. Rigward l-ammont ta’ Lm18,000 dovut fuq il-progett tad-*Dragonara Wedding Hall* qal li dak l-ammont gie maqtugh mis-somma li s-socjeta' attrici kellha ittih fuq il-konkos. Obbliga ruhu li jesebixxi d-dokumenti mehtiega.

“Qal li dan kien l-istess progett tal-Westin Dragonara Resort Hotel. "*Kemm issettilja xi haga minnhom milli kellu jtini fuq il-konkos ta' l-airport."*

“Riferibbilment ghac-*cinemas* qal li s-socjeta` attrici kienet bdiet ix-xoghol izda falliet qabel ma gie kompletat u hallas lill-impjegati tas-socjeta` attrici direttament biex ikomplu x-xoghol. Sostna li s-socjeta` attrici lanqas kienet lehqet bdiet qabel ma falliet. "*Steel Structures kienu hadmu l-ewwel parti.. ghal Lm45,000."*

“Riferibbilment ghall-fabbrika qal li s-socjeta` attrici qatt ma hadmet. Hadmu n-nies taghha direttament ghas-socjeta` konvenuta. Tahom il-materjal ukoll. La kuntratt u lanqas xoghol ma kien hemm. In-nies tal-kumpanija attrici kienu *self employed* u hallashom direttament hu. Qal li s-socjeta' attrici kienet ga zarmat f'nofs ix-xoghol tal-*Freeport* xi hames snin qabel. Ix-xoghol ghamluhom *sub-contractors* bil-materjal tas-socjeta` konvenuta.

“Dwar il-*Hilton Hotel* qal li s-socjeta' attrici kienet bdiet ix-xoghol imma kien ghadu fid-dejn mal-konvenut fuq ix-xoghol tal-*airport* u xoghol iehor. Kellu dokumenti x'juri li s-socjeta` attrici kienet tiehu l-materjal minghandu biex tbieghu lil haddiehor.

“**RELAZZJONI TAL-PERIT LEGALI DR. SIMON MICALLEF STAFRACE U TAL-PERIT KOMPUTISTA MR. LAWRENCE CAMILLERI**

“Fil-kors tal-proceduri din il-Qorti kif diversament presjeduta nnominat lil Dr. Simon Micallef Stafrace bhala Perit Legali[4], u lil Lawrence Camilleri bhala perit komputista b'sostituzzjoni ghal Albert Vella[5]. Ir-

[3] Xhieda a fol. 78 et.seq.tal-process.
[4] Digriet tas-27 ta' Frar 2002 a fol. 77 tal-process.
[5] Digriet tat-23 ta' Novembru 2004 a fol.100 tal-process.

rapport taghhom gie pprezentat fis-6 ta' Frar 2008 u jinsab esebit a fol. 173-189 tal-process.

"L-esperti rrapportaw li fis-seduti saret ir-rakkolta limitatament tal-provi tas-socjeta' attrici *stante* l-fatt li ghalkemm infurmata ripetutament b'tali seduti, s-socjeta' konvenuta naqqset milli tesebixxi dokumenti li weghdet li tipprovdi u naqqset milli ggib 'il quddiem ix-xhieda in sostenn tad-difiza taghha ghalkemm kellha l-opportunita` li taghmel dan f'diversi okkazzjonijiet.[6]

"**Punti Legali trattati fir-Rapport - Tpacija**

"L-esperti ikkunsidraw ukoll punt legali fis-sens li da parti tas-socjeta` konvenuta din qed tallega li kellha hi tircievi minghand is-socjeta' attrici u mhux *vice versa.* Fl-opinjoni tal-espert legali din l-eccezzjoni ma tistax treggi fl-assenza ta' talba rikonvenzjonali apparti li, fil-fehma tieghu, ma jirrizulta l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni konvenuta.

"L-abbli Perit Legali iccita gurisprudenza li ssostni t-tezi li talba rikonvenzjonali tista' ssir bi skop ta' tpacija.[7] Madanakollu rribadixxa li "*fil-kaz odjern ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali, u ergo l-ebda talba formali sabiex tigi reza fix-xejn l-azzjoni attrici jew timpedixxi l-effetti ta' l-azzjoni attrici."*

"It-tpacija hija regolata permezz tal-artikoli 1196 *et. seq.* tal-Kodici Civili.

"**L-artikolu 1196** jiddisponi li : "(1) *Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*

"(2) *It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs."*

"**L-artikolu 1197** jghid hekk:- "(*1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*

"*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità."*

"Il-Perit Legali, wara li kkonsidra li t-tpacija tista' temana mill-eccezzjonijiet tal-konvenut, basta li tkun espressa,[8] ikkonkluda li ma

---

[6] Rappot a fol 183 tal-process.
[7]Ara ***"Stefan Zrinzo Azzopardi noe v Michael Vella noe" -*** Q.Kumm.dec. fl-24 ta' Frar 1995**;** u ***Avv. Dr. K. Dingli et noe. v SURGUQUIP Limited"*** - App.Civ. dec.fis-16 ta' Dicembru 2006 (Nru. 1316/1998).
[8]Ara "***Marianna Spuiteri et. v. Joseph Vella"-*** P.A. dec. fit-3 ta' Mejju 1993 (Vol. 77.III.128)

hemm l-ebda eccezzjoni espressa ta' tpacija, u tali eccezzjoni ma tistax titqajjem *motu proprju* mill-Qorti.[9]

“Ukoll peress li t-talba attrici hija wahda *da liquidarsi,* u ghaldaqstant ma jissoddisfax id-dettami tal-**artikolu 1197** tal-Kap. 16 peress li l-kreditu mhuwiex cert (1997(2). *Ergo* ma tistax issir tpacija bejn il-krediti reciprokament vantati mill-partijiet. Madanakollu l-istess espert jinnota li s-socjeta' attrici pprezentat dokument fejn stabbiliet il-kreditu ahhari dovut lilha fl-ammont ta' Lm111,999.71 (Fol. 19 tal-process), liema kreditu huwa allura cert u likwidu.

> “"*Dan id-dokument, wara li gie ezaminat mill-perit komputista ...tidher li hija l-figura pruvata u accettabbli."*

“Ghaldaqstant **ikkonkludew** li "*tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-istess socjeta` attrici hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta, u dan gjaladarba li l-provi minnha prodotti ma gew bl-ebda mod kontradetti mis-socjeta' konvenuta illi ghalkemm mhux formalment kontumacji, kienet a dire poco 'assenti' fl-interess rigward ta' l-odjerni proceduri u konsegwentement tghaddi sabiex, ai termini tat-tieni talba attrici, tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta' attrici in linea mal-komputazzjoni annessi fid-DOK LS ta' Lm111,999 u ghalhekk ukoll tilqa' it-tielet u l-ahhar talba attrici bl-ispejjez kif mitluba."*

“**Eccezzjonijiet Sollevati mis-Socjeta' Konvenuta**

“Bl-ewwel eccezzjoni taghha, s-socjeta' konvenuta qalet li hi ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Limited, izda hija effettivament is-socjeta` attrici li ghandha taghti lis-socjeta` eccipjenti.

“Is-socjeta` konvenuta spjegat li b'dan mhiex qed tissolleva eccezzjoni ta' tpacija imma li l-ebda ammont mhu dovut lejn l-attrici. Hemm qbil bejn il-partijiet li jonqsu l-elementi biex issir tpacija bejn il-partijiet skont il-Ligi, kif, *del resto* ikkonkluda l-perit legali.

“Tajjeb li jigi nnotat li qed jigi eskluz it-tpacija legali (ipso jure) ikkontemplata permezz tal-artikoli 1196 u 1997 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li *inoltre*, ma tistax tigi ssollevata *ex ufficio*[10]. Qed jigi eskluz ukoll it-tpacija gudizzjarja fl-assenza ta' talba ghall-likwidazzjoni tal-kreditu pretiz mis-socjeta' konvenuta.

“Gjaldarba s-socjeta` konvenuta issollevat l-eccezzjoni in ezami, jinkombi fuq l-istess socjeta' konvenuta li tressaq provi soddisfacjenti biex tissostanzja li l-ebda ammont mhu dovut wara li s-socjeta' attrici tipprova l-kaz taghha.

---

[9]Ara "***Mekanika Limited v Masco Security Services Limited"***- App.Civ.(Sede Inf.)- Dec. fil-21 ta' Mejju 2007 (App.3477/1996/PS)
[10] *Andrea Torrente "Manuale di Diritto Privato" (*Giuffre' Ed. para 246, pp.414 et seq.)

“Id-difensur tas-socjeta' attrici jghid li fost id-dokumenti imressqa mis-socjeta' konvenuta jirreferu ghall-kumpanija ohra bhal *R. Micallef Construction Limited*, u jekk hemm xi kreditu spettanti dan hu dovut lil R. Micallef Construction Limited u mhux lil Carmelo Micallef (Contractors) Limited li huma entitajiet separati u distinti.

“Il-Qorti ezaminat dawn id-dokumenti u jidher li hemm *invoices* ta' xoghlijiet mahrugin minn Polidano Bros. Ltd indirizzati kemm lil *R. Micallef Construction Limited* kif ukoll lil *C Micallef Contractors Limited.*

“Madanakollu ma jidhirx li kien hemm dubju dwar liema socjeta` kienet involuta fix-xoghlijiet in kwistjoni peress li l-ittra mibghuta minn Stephen Borg li huwa l-*financial controller* tal-kupanija konvenuta, **(DOK X1-X3)** li taghmel riferenza ghall-progetti kollha mertu ta' din il-kawza, hija indirizzata lil Emmanuel Farrugia u John Sammut bhala stralcjarji tas-socjeta` "*Carmelo Micallef (Contractors) Limited."*

“Ikkonsidrat mhux biss l-affidavit ta' Raymond Micallef li spjega fid-dettal l-ammonti mitluba u dovuti, u d-diskrepanzi konsistenti f'zieda tal-VAT u CET, izda ukoll id-dokumenti konsistenti f'*certificates of works* u *payment of works,* prospetti u kejl ta' xoghlijiet esegwiti fid-diversi progetti, kollox b'mod dettaljat. Dawn id-dokumenti esebiti gew debitament ezaminati mill-esperti komputista u jinkludu wkoll pagamenti li saru minn Polidano Brothers Limited.

“Il-Qorti tqis li l-atturi rnexxilhom jissostanzjaw it-talbiet taghhom. Kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li tipprova li ma kien hemm xejn dovut u dan ma ghamlitux. L-uniku xhud li ressqet is-socjeta' konvenuta kienet ix-xhieda ta' Charles Polidano, li wieghed li jipproduci dokumenti rilevanti, izda baqa' ma pproduca xejn.

“Mix-xhieda tieghu difatti jirrizulta ammess li s-socjeta' attrici ghamlet diversi xoghlijiet. Hu qal "*Jien tajtu xoghol biex nipprova nigbor il-flus li kelli b'lura mieghu" (*fol.78); dwar l-ammont ta ' Lm18,892 reklamat fuq id-Dragonara Wedding Hall qal "*Dawk kien qataghhom mill-konkos li kellu itini, parti minnhom"* (fol 80); u dwar il-Hilton Hotel qal "*Kien beda xi xoghol hemmhekk, iva."*(fol. 84). Dawn ix-xoghlijiet ma thallsux ghaliex, skont kif xehed Polidano stess, kien fadallu x'jithallas mis-socjeta' attrici.

“Logikament, fid-dawl tax-xhieda ta' Charles Polidano, u tal-ittra tal-*financial controller* tieghu, il-Qorti tista' tiddeduci li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li twettqu xoghlijiet mis-socjeta' attrici kif ukoll li kien ghadu ma sar ebda hlas ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet qed tikkumpensahom unilateralment ma' krediti li tghid li kellha kontra l-atturi *nomine*.

“Anke dwar il-valur tax-xoghol ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni sostanzjali. Difatti l-istess difensuri tas-socjeta' konvenuta jaghmlu riferenza ghal **DOK X2** u **DOK X3** a fol. 61 u 62 tal-process annessi

mal-ittra mibghuta minn Stephen Borg fuq riferit, intestata "*Breakdown of Work Certificates - C Micallef Contractors*, minn fejn jirrizulta li l-valuri reklamati mis-socjeta' attrici huma accettati mis-socjeta` konvenuta, li, izda, naqqset dawn l-ammonti mid-dejn vantat mill-istess socjeta' konvenuta.

“Il-Qorti tosserva li lanqas il-ftit provi offruti mis-socjeta` konvenuta huma konsistenti bejniethom. Skont l-ittra ta' Stephen Borg ghan-nom tas-socjeta' konvenuta huwa inkluda fil-*breakdown* dettaljat tal-bilanc dovut lis-socjeta` konvenuta, ix-xoghlijiet li saru mis-socjeta' attrici *inter alia* fil-fabbrika Ta' Santu. Kontrarjament ghal dak kontenut f'din l-ittra, mistoqsi dwar dan il-progett, Charles Polidano wiegeb "*Hemmhekk qatt ma mar 'l hemm* hu (b'riferenza ghas-socjeta` attrici)*. Dak lin-nies tieghu dirett tajtu jiena."* (fol. 82).

“Huwa minnu li fl-ittra **DOK X1**, Stephen Borg jelenka d-dejn dovut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u johrog kreditu bilancjali favur is-socjeta` konvenuta. Izda minghajr provi li jsostnu dawn il-figuri, il-krediti li tghid li ghandha s-socjeta' konvenuta ma jistghux jigu kkonsidrati minn din il-Qorti peress li jibqghu fir-relm ta' mera allegazzjoni.

“Fid-dawl ta’ karenza assoluta tal-provi, *in vista* tal-principju *“qui allegat probat”,* ladarba l-istess socjeta` konvenuta ma ssodisfatx l-oneru taghha dwar l-allegazzjoni minnha vantata, din l-eccezzjoni ma tistax tigi accettata u qed tigi rigettata.

“Id-difensuri tas-socjeta` konvenuta ilmentaw li "*s-socjeta' konvenuta kienet imcahhda milli tressaq il-provi taghha."*

“Din il-lanjanza hija serja u m'ghandhiex titressaq b'mod legger. Il-Qorti ghalhekk ezaminat ir-rapport tal-periti teknici fejn skedaw dettaljatament is-seduti u l-interess muri mill-partijiet.

“Minn ezami tar-rapport tal-Esperti jirrizulta li l-atturi ghalqu l-provi fil-21 ta' Frar 2006. Saret seduta ohra fit-28 ta' Marzu 2006 fejn kien hemm prezenti d-difensuri tal-partijiet u fejn il-legali tas-socjeta' konvenuta nforma lill-periti li x-xhud Boris Farrugia li jinvesti l-kariga ta' *Group Head Finance* tas-socjeta' konvenuta kien ghadu ma feliex bir-reqqa l-affidavit ta' Raymond Micallef (para. xxxvii tar-rapport). Giet iffissata seduta ghall-provi konvenuta ghas-16 ta' Mejju 2006. Id-difensur tal-konvenuta f'din is-seduta talab aktar zmien biex iressaq il-provi. Din it-talba giet opposta u l-Perit Legali talab direzzjoni mill-Qorti. Din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2006 ordnat lis-socjeta` konvenuta li tressaq il-provi taghha f'numru ta' seduti miftehma mal-Periti Teknici u mal-Avukat tal-attur sa mhux aktar tard mis-26 ta' Ottubru 2006. (para xxxix tar-rapport). Il-Qorti regghet estendiet iz-zmien fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2006 sat-30 ta' Marzu 2007 sabiex il-konvenuta taghlaq il-provi taghha. Fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2007 il-periti gew ordnati jghaddu ghar-rapport bil-provi ezistenti sa dik il-gurnata.

"Minn qari ta' dan ir-rapport jirrizulta manifest li s-socjeta` konvenuta kellha kull opportunita` li tressaq provi permezz ta' xhieda u provi dokumentarji, li hi, ghal ragunijiet lilha biss noti, ghazlet li ma taghmlux. L-affidavit ta' Raymond Micallef li kellu jigi ezaminat minn Boris Farrugia u li jservi bhala l-pedament tal-kawza attrici gie pprezentat fil-21 ta' Mejju 2001 u allura wiehed jifhem li kellha sitt snin biex tiflih.

"L-istess periti teknici nnotaw l-assenza kostanti ta' rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta f'ben disa' seduti skedati (ara pagna 152 tal-process) u jghidu li "*ghalkemm infurmata ripetutament b'tali seduti, s-socjeta` konvenuta naqset milli tesebixxi dokumenti li weghdet li tipprovdi." (fol. 183).* Difatti Charles Polidano wieghed li jressaq provi dokumentarji in sostenn ta' dak minnu allegat rigward hlasijiet dovuti mis-socjeta' attrici (ara xhieda tieghu fuq rapportat) izda baqa' inadempjenti.

"Wara li l-istadju tal-provi inghalaq, u sahansitra wara li gie sottomess ir-rapport peritali, l-istess socjeta' konvenuta talbet li tressaq il-provi taghha, liema talba, gustament giet michuda f'dak l-istadju inultrat tal-kawza.

"*Inoltre* s-socjeta` konvenuta ma ghazlitx li titlob il-hatra ta' periti perizjuri kif kellha kull dritt li taghmel jekk il-komputazzjonijiet maghmula mill-espert komputista ma kienux akkurati. Lanqas ressqet lill-esperti in eskussjoni jew ghamlet nota ta' kritika ghar-rapport peritali - liema proceduri setghet tutilizzahom biex jigu iccarati jew ikkontestati l-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-istess periti teknici.

"Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li l-ilment is-sollevat mis-socjeta' konvenuta mhux f'waqtu u kienet hi li ghazlet li ma tavvallax mill-opportunitajiet disponibbli biex tressaq il-provi taghha.

"**Eccezzjoni Ulterjuri** - *L-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

"Din l-eccezzjoni giet sollevata b'nota a fol. 240 tal-process, datata l-15 ta' Gunju 2009, wara l-prezentata tar-rapport tekniku u legali, u meta l-process kien fl-istadju ta' sottomissjonijiet finali. Madanakollu l-eccezzoni tal-preskrizzjoni tista' tigi mqajma f'kwalsiasi stadju tal-proceduri, inkluz fl-istadju t'appell u ghalhekk hija ammissibbli anke f'dan l-istadju inultrat tal-proceduri purche' ma jkunx hemm sorprisi ghall-parti l-ohra.

"**L-artikolu 2149** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:- "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

"*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew*

*materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;"*

“Hu pacifiku li dan is-sub-artikolu japplika ghall-azzjonijiet imsejsa fuq ftehim ta' appalt[11] u hija applikabbli ghat-talbiet odjerni li huma bbazati fuq relazzjoni ta' appalt u sub-appalt bejn il-kontendenti.

“Illi dwar din l-eccezzjoni, id-difensur tal-atturi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2009 (fol.242) irribatta li ghandha tigi michuda *stante* li mhix kompatibbli ma' l-argumenti tal-konvenuta li s-somom mitluba fic-citazzjoni li kienu dovuti imma ma kellhomx jithallsu ghaliex kellha ssir tpacija.

“Izda huwa gja stabbilit li t-tpacija ma gietx issollevata bhala difiza formali f'din il-kawza, u lanqas hija applikabbli skont id-disposizzjonijiet fuq citati li jistabilixxu l-elementi mehtiega ghat-tpacija. Ma jirrizultax, ghalhekk, li din l-oggezzjoni hija fondata u l-Qorti tqies li ma hemmx inkompatibbilta' bejn l-eccezzjonijiet sollevati.

“Illi hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib ‘il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa’ principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni[12]. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq[13].

“Skont **l-artikolu 2137** tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata.

“Billi l-eccezzjoni ulterjuri giet sollevata fl-ahhar stadju tal-proceduri, ma jirrizultax mill-atti li l-partijiet talbu li jressqu provi fir-rigward. Il-kumpanija konvenuta pprezentat nota ta' sottomissjonijiet li trattat ukoll din l-eccezzjoni mqajma "*at the eleventh hour",* izda s-socjeta' attrici baqghet siekta dwar dawn is-sottomissjonijiet.

“Id-difensuri tas-socjeta konvenuta, in sostenn tal-eccezzjoni taghhom ghamlu riferenza ghad-dati tal-fatturi esebiti mal-affidavit ta' Raymond Micallef b'turija tad-data li minnha kellu jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv: "*Prima facie, mid-dati stess tal-fatturi in kwistjoni, u dan minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet ga maghmula li parti minnhom jghajtu lil R. Micallef Construction Limited u mhux lill-atturi, jirrizulta bic-car li t-terminu preskrittiv iddekkorra minghajr ma gie interrott bl-ebda mod."*

---

[11]"*Edgar Causon v Abdel Salam A. Sheibano noe"* (App.Civ. Dec.11 ta' Marzu 1991).
[12]App. Kumm **15.6.1964** fil-kawza fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)
[13] App. Civ. **5.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Guido Vella vs Emanuel*** C***efai*** (mhix pubblikata)

“Fil-kaz odjern, ma jirrizultax mill-atti li saret ebda interruzzjoni gudizzjarja ghajr permezz ta' din ic-citazzjoni. Fic-citazzjoni hemm indikata talba ghall-ispejjez ta' ittra gudizzjarja datata l-5 ta' Settembru 2000, izda din l-ittra ma gietx esebita.

“Ikkonsidrat li din il-kawza giet intavolata fit-12 ta' Dicembru 2000.

“Mill-affidavit ta' l-attur jirrizultaw id-dati tax-xoghlijiet *de quo* b'riferenza ghal kull progett u dawn id-dati huma precizati soddisfacentement biex juru l-punt ta' partenza tat-terminu preskrittiv.

“Skont l-affidavit ta' Raymond Micallef u d-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li :

“i. Dwar ix-xoghlijiet fuq id-Dragonara Wedding Hall, l-ammont dovut hu sa Dicembru 1995, "*meta spiccaw ix-xoghlijiet."*

“ii. Ix-xoghlijiet fuq il-kumplament tal-progett fil-Westin Dragonara Resort Hotel spiccaw f'Marzu 1997.

“iii. L-ammont dovut fuq ic-*cinemas* f’Bugibba hu reklamat ghal xoghlijiet li saru sa Novembru 1997 u hemm ammonti mitluba ghal xoghlijiet li spiccaw f'Lulju 1997.

“iv. Ix-xoghlijiet maghmula fil-fabbrika ta' Paul Tonna Son of Santu Limited saru f'zewg perjodi, rispettivament Lulju 1998, u Awwissu 1998.

“v. Ix-xoghol fil-Hilton Hotel "*sar kollu fl-1997 u fl-1998."*

“Minn ezami ta' dawn id-dokumenti, x-xoghlijiet li saru fuq il- progetti imsemmija jidhru preskritti peress li l-azzjoni giet intavolata fit-12 ta' Dicembru 2000 u ghalhekk hija *fuori termine*.

“Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur/kreditur ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha.

“*Ad exemplum*:-

“(1) L-inapplikabbilta` ghal mertu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika;

“(2) Is-sospensjoni;

“(3) L-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddimostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju **(Artikolu 2128, Kodici Civili**) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.

“Izda l-atturi *nomine* ma ressqux provi biex jikkumbattu din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

“Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fid-9 ta’ Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** fejn inghad li :-

> “*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat **Artikolu 2133** jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont **(Artikolu 2134)**, l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;"*

“Dik il-Qorti kompliet:

> “*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*
>
> “*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi 'iuxta allegata et probata'. Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, 'jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni."*

“Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess u fin-nuqqas ta' provi prodotti, l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu **2149(a)** qed tigi akkolta.

“**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjoni ulterjuri ssollevata mis-socjeta' konvenuta ta' preskrizzjoni tal-azzjoni *a tenur* tal-artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, **tichad** it-talbiet attrici in kwantu preskritti.

“Stante li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet ssollevata fi stadju tardiv tal-kawza, il-Qorti tqies li ghandu ikun hemm temperament fl-ispejjez u tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha”.

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi nomine John Sammut u Emanuel Farrugia (02.01.2014) fil-kwalita` tagħhom ta' stralċjarji tas-soċjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Ltd:</u>**

3. John Sammut u Emanuel Farrugia fil-kwalita` tagħhom ta' stralċjarji tas-soċjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Ltd ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti (fejn laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tas-soċjeta` konvenuta u ċaħdet it-talbiet attriċi) u għalhekk interponew dan l-appell odjern minnha.

4. <u>L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:</u>

*(i)* *<u>L-inkompatibilita` tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mal-pożizzjoni tas-soċjeta` konvenuta li kellha ssir tpaċija</u>*

<u>Fl-ewwel lok</u> jargumentaw illi l-pożizzjoni tas-soċjeta` konvenuta li kellha ssir tpaċija ma' ammonti dovuti lilha mis-soċjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Ltd, hija **inkompatibbli** mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti isostnu li jekk it-tpaċija tressqitx bħala eċċezzjoni formali jew le huwa irrilevanti għall- finijiet tal-kwistjoni dwar il-inkompatibbilita`;

*(ii)* *<u>L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni</u>*

<u>Fit-tieni lok,</u> u bla preġudizzju għas-suespost, jilmentaw illi mhux minnu li ma saritx prova ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Jargumentaw illi mill-provi mressqa, anke jekk tressqu fil-kuntest tal-konsiderazzjoni tal-mertu, jirriżulta li sa sena qabel il-ftuħ tal-kawża kienu saru dikjarazzjonijiet mis-soċjeta` konvenuta li **jinterrompu l-preskrizzjoni**. F'dan ir-rigward jagħmlu riferenza partikolari għad-dokumenti X1, X2 u X3 mibgħuta mis-soċjeta` konvenuta fl-1999.

5. Is-soċjeta` konvenuta, debitament notifikata bir-rikors tal-appell fis-6 ta' Jannar 2014, **ma ppreżentatx ir-risposta tal-appell tagħha**. Fl-ewwel seduta quddiem din il-qorti d-difensuri tal-partijiet (Dr Franco Vassallo għall-atturi nomine, u Dr Franco Galea għas-soċjeta` konvenuta) taw ruħhom b'notifikati bl-atti tal-appell u qablu li kienu qegħdin jistrieħu fuq l-atti tal-kawża u li l-appell seta' jmur għas-sentenza.

**<u>Sfond:</u>**

6. Is-soċjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Ltd (li din il-qorti sejra tirreferi għaliha bħala **<u>CMCL</u>**) intavolat din il-kawża għall-**ħlas ta' xogħlijiet imwetta u materjal fornit minnha f'numru ta' proġetti** fuq inkarigu tas-soċjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd (li din il-qorti sejra tirreferi għaliha bħala **<u>PBL</u>**).

7. Is-soċjeta` CMCL issostni li s-soċjeta` konvenuta PBL hija debitriċi tagħha fl-ammont bilanċjali ta' **Lm111,999.71** (kif indikat fil-prospett Dok RM1[14]), filwaqt li s-soċjeta` PBL ssostni li hija invece s-soċjeta` CMCL li hija debitriċi tagħha, u dan fl-ammont bilanċjali ta' **Lm92,038.20** (kif indikat fil-prospett Dok X2-X3[15]):

•Prospett Dok RM1 (redatt mis-soċjeta` CMCL):

| Project | | |
|---|---|---|
| Dragonara Wedding Hall, San Ġiljan | Lm 18,982.78 | + |
| Westin Dragonara Resort Hotel, San Ġiljan | Lm121,650.96 | |
| Empire Cinemas, Buġibba | Lm173,700.00 | |
| Paul Tonna s/o Santu Ltd, fabbrika, Mrieħel | Lm156,666.93 | |
| Hilton Hotel, San Ġiljan | Lm 66,000.00 | |
| Total | Lm536,999.71 | - |
| (less) value of material/money received from PBL | Lm425,000.00 | |
| **Outstanding Balance** | **Lm111,999.71** | |

•Prospett Dok X2-X3 (redatt minn Polidano Group) anness ma' ittra Dok X1[16] mibgħuta lill-atturi *nomine*, datata 2 ta' Awwissu 1999):

| Project | | | |
|---|---|---|---|
| Dragonara Wedding Hall, San Ġiljan | | Lm 18,982.78 | + |
| Westin Dragonara Resort Hotel, San Ġiljan | | Lm121,650.96 | |
| Empire Cinemas, Buġibba | | Lm173,700.00 | |
| Paul Tonna s/o Santu Ltd, fabbrika, Mrieħel | | Lm156,666.14 | |
| Sub-total | | Lm470,999.88 | - |
| Less payments/ set offs up to 03.12.1998 | | Lm407,582.28 | |
| Creditor Balance as per statement submitted 2/99 | | Lm 63,417.60 | - |
| Less payments made & materials supplied up to 31.12.1998 | | Lm184,133.50 | |
| Total balance due to PBL as per statement submitted 2/99 | - | Lm120,715.90 | + |
| Hilton Hotel, San Ġiljan, not included in statement of 2/99 | | Lm 28,677.70 | |
| **Balance due to Polidano Group** | | **Lm 93,038.20** | |

[14] Dok RM1, fol 19
[15] Dok X2-X3, fol 61-62
[16] Dok X1, fol 60

**Rapport tal-Perit Legali u tal-Perit Komputista**

8. Fis-6 ta' Frar 2008[17] il-Perit Legali Dr Simon Micallef Stafrace u l-Perit Komputista Lawrence Camilleri ppreżentaw ir-rapport peritali tagħhom (li ġie maħluf fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2008). Huma rrapportaw illi fis-seduti nġabru biss il-provi tas-soċjeta` CMCL, peress li s-soċjeta` konvenuta PBL naqqset li tippreżenta dokumenti jew ittella' xhieda in sostenn tad-difiża tagħha, minkejja li kellha diversi opportunitajiet biex tagħmel dan.

9. Il-perit legali qies li għalkemm is-soċjeta` konvenuta PBL fl-ewwel eċċezzjoni tagħha eċċepiet li kienet is-soċjeta` CMCL li hija d-debitriċi tagħha u mhux vice versa, l-istess soċjeta` konvenuta PBL ma għamlet l-ebda talba rikonvenzjonali f'dan is-sens (cioe` talba formali da parti sabiex tiġi reża fix-xejn l-azzjoni attriċi) u għalhekk ikkonkluda li ma setgħetx treġi tali eċċezzjoni. Qies ukoll din l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta PBL fid-dawl tal-Artikoli 1196 u 1197 tal-Kap. 16 (dwar it-tpaċija) u kkonkluda li ma setax jitqies li hija waħda ta' tpaċija, u dan mhux biss għaliex it-tpaċija ma ġietx espressa, iżda wkoll għaliex ladarba t-talba attriċi hija waħda "***da liquidarsi***" il-kreditu mitlub ma jistax jitqies li hu wieħed ċert ai termini tal-Artikolu 1197(2).

10. L-espert komputista eżamina l-prospett Dok RM1 (fuq imsemmi),

[17] Rapport tal-periti, fol 173 et seq

u wara li għamel is-soliti aċċertamenti u kkonferma d-dokumenti relattivi esebiti, irriżultalu li l-figura ta' **Lm111,999.71** (skont il-prospett Dok RM1) tirriżulta pruvata u hija aċċettabbli (vide Dok LS[18]).

11. Għalhekk iż-żewġ periti kkonkludew is-segwenti:

> "*Minn dan, l-umli fehma tal-esperti sottoskritti, hija li din l-Onorabbli Qorti għandha tgħaddi biex tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-istess hi kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta, u dan ġialadarba li l-provi minnha prodotti ma ġew bl-ebda mod kontradetti mis-soċjeta` konvenuta, illi għalkemm mhux formalment kontumaċi kienet a dire poco 'assenti' fl-interess rigward tal-odjerni proċeduri u konsegwentement tgħaddi sabiex, ai termini tat-tieni talba attriċi, tillikwida l-ammont dovut lis-soċjeta` attriċi in linea mal-komputazzjonijiet annessi fid-Dok LS ta' Lm111,999 u għalhekk tilqa' wkoll it-tielet u l-aħħar talba attriċi, bl-ispejjeż kif mitluba*".

**L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:**

12. Fil-15 ta' Ġunju 2009, meta l-proċess kien fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali, is-soċjeta` konvenuta PBL issollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-**Artikolu 2149(a) tal-Kap 16** (li jirrigwarda, *inter alia*, azzjonijiet tal-kuntratturi għall-opri maħduma minnhom jew għall-materjali li jfornu).

13. Fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2009 id-difensur tal-atturi *nomine* irrileva li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta` PBL (enfasi ta' din il-qorti):

> "*hija vessatorja u għandha tiġi miċħuda għaliex* ***m'hijiex kompatibbli*** *mal-argumenti tal-konvenuta s-somon mitluba fiċ-ċitazzjoni li kienu*

[18] Dok LS, fol 188-189

*dovuti imma ma kellhomx jitħallsu għaliex kellha ssir tpaċija u dana kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti a fol 60 sa 62 u mid-depożizzjoni ta' Charles Polidano a fol 78 sa 85 kif rikonoxxut minn din il-qorti diversament preseduta fil-kawża "Marianna Spiteri et vs Joseph Vella", deċiża fit-3 ta' Mejju 1993".*

**Is-sentenza tal-ewwel Qorti:**

14. L-ewwel Qorti qieset li kien diġa ġie stabbilit li t-tpaċija ma ġietx sollevata bħala difiża formali, u li lanqas ma kienet applikabbli skont l-artikoli tal-liġi li jistabbilixxu l-elementi meħtieġa għat-tpaċija. Għalhekk irriżultalha li l-oġġezzjoni sollevata mid-difensur tal-atturi *nomine* ma kienitx fondata, u qieset li ma kienx hemm inkompatibbilita` bejn l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta` konvenuta.

15. L-ewwel Qorti rriferiet għall-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda' tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Ikkosidrat li mill-affidavit ta' Raymond Micallef jirriżultaw id-dati tax-xogħlijiet in kwistjoni b'riferenza għal kull proġett u qieset li tali dati huma preċiżati sodisfaċentement biex juru l-punt ta' partenza tat-terminu preskrittiv. Wara li qieset l-affidavit u d-dokumenti minnu esebiti, u wara li qieset li l-atturi *nomine* ma ressqux provi biex jikkumbattu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ikkonkludiet li l-azzjoni odjerna, li ġiet intavolata fit-12 ta' Diċembru 2000 kienet preskritta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

16. Kif fuq spjegat, l-atturi nomine ħassew ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni għaliex isostnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta, u li fi kwalunkwe każ kellu jirriżulta mill-provi prodotti li l-perjodu preskrittiv kien ġie interrott. Din il-qorti ser tgħaddi biex teżamina dawn iż-żewġ aggravji.

(i) <u>Il-kompatibilita` o meno tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mal-ewwel eċċezzjoni</u>

17. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-soċjeta` konvenuta ssostni li mhux talli hija ma għandha tagħti xejn lis-soċjeta` CMCL, talli invece hija s-soċjeta` CMCL li għandha tagħti lilha:

> "*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-soċjeta` eċċipjenti ma għandha tagħti xejn lis-soċjeta` Carmelo Micallef (Contractors) Ltd, iżda hija effettivament is-soċjeta` attriċi li għandha tagħti lis-soċjeta` eċċipjenti u dan kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża*".

18. Din il-qorti ma tarax kif din l-eċċezzjoni tista' titqies bħala waħda ta' tpaċija (u dan la espressament u lanqas taċitament). Meta konvenut jeċċepixxi t-tpaċija ikun qed jirrikonoxxi li l-ammont pretiż mill-attur huwa dovut, iżda jkun qed jargumenta li m'għandux jitħallas għaliex huwa paċut minn debitu ieħor dovut lilu mill-attur. **Dan mhux il-każ fil-kawża odjerna.** Hawnhekk l-atturi *nomine* qed jallegaw li s-soċjeta` CMCL

għandha tieħu ammont ta' flus (*da liquidarsi*) mingħand is-soċjeta` PBL, (li mill-provi imbagħad irriżulta li l-**bilanċ** pretiż minnha huwa ta' Lm111,999.71) filwaqt li s-soċjeta` PBL qed issostni li invece hija hi li għandha tieħu **bilanċ** ta' Lm93,038.20 mingħand is-soċjeta` CMCL. Is-soċjeta` PBL bl-ebda mod ma qegħda tgħid li għandu jkun hemm tpaċija bejn kwalsiasi[19] ammont pretiż mis-soċjeta` CMCL u dak pretiż minnha. Hija bl-ebda mod ma qegħda tirrikonoxxi li s-soċjeta` CMCL hija kreditriċi tagħha. Għaldaqstant l-ewwel aggravju jirriżulta infondat.

*(ii)* *l-interruzzjoni o meno tal-preskrizzjoni*

19. L-ewwel Qorti, abbażi tal-affidavit ta' Raymond Micallef u d-dokumenti minnu esebiti, irriżultalha li l-azzjoni attriċi (li ġiet intavolata fit-12 ta' Diċembru 2000) hija preskritta. L-atturi appellanti *nomine* jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li huma ma ressqux provi biex jikkumbattu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Huma jsostnu invece li mid-dokumenti Dok X1, X2 u X3, esebiti minn Raymond Micallef, xhud tagħhom stess, jirriżulta li f'Awwissu 1999, u allura inqas minn sentejn qabel l-intavolar tal-kawża, is-soċjeta` PBL kienet qegħda tirrikonoxxi li kellha tħallas lis-soċjeta` CMCL għax-xogħlijiet u materjal fornit minnha fir-rigward tal-proġetti tad-Dragonara Wedding Hall, tal-Westin Dragonara Resort Hotel, tal-Empire Cinemas, tal-fabbrika Paul Tonna s/o Santu, u tal-Hilton Hotel.

[19] Fl-istadju taċ-ċitazzjoni l-atturi nomine kienu talbu ammont ***"da liquidarsi"*** u mhux l-ammont ta' **Lm111,999.71** li sussegwentement ġie indikat fl-prospett Dok RM1.

20. Jiġi spjegat li mal-ittra tat-2 ta' Awwissu 1999 (Dok X1) mibgħuta lill-atturi *nomine*, Stephen Borg (il-*Financial Controller* ta' Polidano Group) annetta Dok X2-X3. Huwa spjega li "*I am submitting herewith a detailed breakdown of the balance due to us from the above captioned company*" (cioe` CMCL). Issa kif fuq spjegat minn din il-qorti *supra* taħt l-intestatura "**Sfond**", mid-Dok X2-X3 jirriżulta li s-soċjeta` PBL qed tirrikonoxxi li fir-rigward tal-ħames proġetti li fuqhom ħadmet is-soċjeta` CMCL **il-valur totali tax-xogħol** kien ta' Lm499,677.58[20], pero` bl-ebda mod ma qegħda tirrikonoxxi li tali somma hija fil-fatt dovuta minnha, għaliex skont l-istess dokument qed issostni li tali ammont mhux talli ġie saldat talli adirittura hija s-soċjeta` CMCL li għandha tagħti lilha.

21. Għalhekk il-"*breakdown of work certifikates*" Dok X2-X3 maħruġ mis-soċjeta` PBL u komunikat lis-soċjeta` CMCL permezz tal-ittra tat-2 ta' Awwissu 1999 (Dok X1) bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

## Decide

22. Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-atturi appellanti

[20] Skont is-soċjeta` CMCL il-valur kien ta' **Lm536,999.71**, u dan għaliex minkejja li hemm qbil fir-rigward tal-valur tax-xogħlijiet li saru fil-progetti (1) Dragonara Wedding Hall (2) Westin Dragonara Resort Hotel (3) Empire Cinemas u (4) il-fabbrika Paul Tonna s/o Santu, **fir-rigward tal-lukanda Hilton, invece** fejn is-soċjeta` CMCL tindika l-valur tax-xogħlijiet fl-ammont ta' Lm66,000, is-soċjeta` PBL tindika l-valur tax-xogħlijiet fl-ammont ta' Lm28,677.70,

*nomine* u tikkonferma s-sentenza appellata.

23. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellanti *nomine.*

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb